MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 379/2004

**Avviz numru 379/04 DM**

**Joseph Cacciatolo**

**Vs**

**Kevin Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u disgha u sittin lira Maltin (Lm2,069.00) jew somma ohra verjuri dovuti mill-attur rappresentanti danni maghmula fuq il-vettura Honda Civic ta' l-attur bin-numru ta' registrazzjoni ALN 483 rizultanti mill-incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' April, 2004, gewwa Marsascala ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni. Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-attur ;

Rat id-dokumenti esebiti minnhom u;

Ikkunsidrat :

Mid-deposizzjoni ta' Silvana Caruana u mid-dokumenti esebiti jirrizulta ampjament illi r-responsabbilita' ta' din il-kollizzjoni hija esklussivament tal-konvenut Kevin Bugeja, u li ghalhekk irid jaghmel tajjeb ghad-danni minnu kkawzata fil-vettura ta' l-attur li kienet misjuqa minn Silvana Caruana u li ggib in-numru ALN 483 u li giet danniggjata fl-incident.

Mid-deposizzjoni tas-'surveyor' Philip Attard u mid-dokumenti minnu esebiti wara li l-Qorti wkoll ikkonstatat id-danni estensivi li garbet ukoll il-vettura, jirrizulta illi ghar-riparazzjoni ta' din il-vettura hemm involuta spiza li tammonta ghal madwar elfejn, u disgha u sittin liri Maltin (Lm2,069.00) li ghalihom irid jaghmel tajjeb il-konvenut.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, previa li tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni qieghda tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' elfejn u disgha u sittin lira Maltin (Lm2,069.00).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------